

# Wara l-maltemp, il-bnazzi

**Philip Schembri**
*Għalliem tal-Mużika*

Xi dnub! L-attivitajiet li kellna ppreparati għal din is-sena, speċjalment dawk tal-festa għażiża tagħna spiċċaw fix-xejn tort tal-COVID-19. Però, għalkemm qegħdin ngħixu sitwazzjoni straordinarja qed nagħmlu ħilitna kollha sabiex fiċ-ċirkostanzi l-ispirtu tal-festa nżommuh ħaj kemm nistgħu.

Bil-pandemija tiddomina sa minn nofs Marzu li għadda, l-Għaqda tagħna rnexxielha tibqa' għaddejja, għalkemm b'mod limitat. Il-preparamenti għall-kunċert ta' Hadd il-Palm kienu fl-aqwa tagħhom sakemm il-pandemija waqqfitna ħesrem. It-tagħlim tal-mużika baqa' għaddej permezz tal-mezzi teknoloġiċi online u bl-impenn tagħna l-għalliema mmexxija mis-Surmast Tonio Borg u bil-koperazzjoni tal-istudenti u l-ġenituri tagħhom. Din it-teknoloġija għallmitna ħafna kif nadattaw rwieħna fit-tagħlim b'mod differenti minn dak tradizzjonali u l-istudenti tagħna xorta waħda qed juru l-progress mixtieq. Jeħtieġ li nkomplu nsibu l-bilanċ bejn il-bżonn li nħarsu s-saħħa tagħna fiżika u mentali, filwaqt li naraw li l-Għaqda tagħna tibqa' ħajja u attiva mil-lat kulturali, soċjali u edukattiv.

Nieħu l-okkażjoni sabiex nirringrazzja lill-Kumitat, lill-Kummissjoni Banda u Kor, lis-Surmast Direttur, lill-għalliema l-oħrajn kollegi tiegħi u lill-istudenti tagħna flimkien mal-partitarji u l-ammiraturi għall-ħidma u l-impenn tagħhom f'dan iż-żmien diffiċli. Grazzi speċjali tmur ukoll lis-Sur John Baptist Gauci (Segretarju) għall-impenn tiegħu biex jikkordina laqgħat magħna l-għalliema b'mod virtwali fl-interess tagħna u tal-istudenti sabiex ma jiġġammjax kollox. Ejjew nimpenjaw ruħna matul din il-maltempata sabiex nikkontrollaw kemm nistgħu kull ostaklu ħalli noħorġu iktar b'saħħitna meta jiġi l-bnazzi!

Il-festa t-tajba.

SPECIAL OFFERS AVAILABLE IN STORE



Opening hours:
Mon – Tues 06.00 – 18.00
Wed 06.00 – 13.00
Thurs - Fri 06.00 – 18.00
Sat 06.00 – 14.00
Sun Closed

Ġo Ġo
MINI MARKET
Mario & Joanne Vella
Snajjin Street
Mellieħa, Malta
Tel: 21521445
Free Deliveries



CrossKeys
RESTAURANT PIZZERIA INDIAN CUISINE
Tel: 21523744 (Restaurant)
21522605 (Pizzeria & Indian)


THE CATERER
Ernest Vella,
Triq in-Nahal, Mellieha
+356 2152 3023
+356 9923 8591
Fresh Bread, Frozen Food, Cakes, Pastries, Sweets & More!
We also cater for Weddings, Parties, Events & Outside Catering
Visit our shop for our full range of products!
www.thecaterer.com.mt
info@thecaterer.com.mt
Find us on Facebook


P&C Cauchi
Demolition Excavation
9989 9839/7925 9208 .M
crs.cauchi@gmail.com .E

# John Buttigieg
# CIKKIES

**Fruit & Vegetables Wholesaler & Retailer**
**To Hotels, Caterers & Vendors**




**Store: Cikkies Garage, Cross Street, Mellieħa**

**Office: 32, New Mill Street, Il-Mellieħa**

**Tel: 21 521 945  Mob: 99 460 572**